Xi Aħbarijiet dwar...

# Il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Każin Banda San Filep

Is-sena l-oħra konna ħabbarna li kien għaddej ix-xogħol fuq ir-raba' taqsima tal-wirja. Id-diriġenti tal-wirja kien ilhom xi snin iħammu fuq din it-taqsima.

Din it-taqsima li tirrappreżenta d-Difna ta' Ġesù, u li fiha sitt persunaġġi tlestiet. Il-pjan kien li tiġi inawgurata fid-9 ta' April 2003. Iżda minħabba l-Elezzjoni Ġenerali tat-12 ta' April, ġie deċiż li din l-inawgurazzjoni titħalla għal sena oħra. L-istatwi *life-size* huma xogħol ta' Chev. Alfred Camilleri Cauchi, u l-post kellu jkun ix-xelter ta' żmien il-gwerra.

Din hija l-għaxar sena tal-wirja tal-Każin Banda San Filep qed tittella' bi statwi kbar. Fost il-personalitajiet li inawguraw din il-wirja tul dan iż-żmien, insibu lin-Nunzju Sebastian Laboa li miet f'Ottubru 2002. Kien bniedem dħuli u ċajtier. Ta' kull filgħodu kmieni kien iħobb jimxi mixja fit-tul. Spiss kien jimxi minn Ħ'Attard fejn kien joqgħod u jasal sal-knisja tal-Mosta. Huwa ġie Malta fl-1995 wara li temm in-Nunzjatura tiegħu fil-Paragwaj. Kull fejn kien, ħalla memorji sbieħ ta' bniedem ta' karisma li emmen u pprattika l-kuntatt personali ma' kull tip ta' nies. Lejn tmiem in-nunzjatura tiegħu f'Malta sar jaf li marid bil-kanċer. Huwa rtira mis-servizz tal-Vatikan fl-età ta' 75 u mar lura Spanja, pajjiżu fejn miet erba' snin wara.

Is-sena li għaddiet kellu jiftaħ din il-wirja, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Louis Galea iżda ġara li fl-aħħar ħin kellu jħassar l-appuntament – minħabba li kien ma jiflaħx. Inzerta li fost il-mistednin distinti dakinhar kellu jkun hemm ir-rappreżentant ta' l-Ambaxxatur Amerikan Mr. Michael Macy li kellu jirċievi għotja ta' mużika ta' Mro. Raymond Fenech, iddedikata lill-vittmi tat-traġedja tal-11 ta' Settembru 2001. Meta ġie avviċinat, Mr. Macy aċċetta bil-ferħ li jinawgura hu l-wirja.

• għal paġna 4

**Is-SOĊJETÀ MUŻIKALI KAŻIN BANDA SAN FILEP** A.D. 1851

***tixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.***











*Iċ-ċenaklu tal-Wirja fil-Każin San Filep.*



*Ix-xena grandjuża tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota - Każin San Filep.*

• minn paġna 1

Iċ-ċirkustanzi ta' l-Elezzjoni Ġenerali kienu wkoll il-kaġun li tħassar il-programm mużikali li l-Banda San Filep taħt id-direzzjoni tas-Surmast Richard Bugeja kienet ħejjiet għad-9 ta' April. Dan kien jikkonsisti f'dawn is-siltiet:

| | |
|---|---|
| Largo (Marcia Funebre) | Filippo Galea |
| Alla memoria dei Caduti del Transvaal | Angelo Melilli |
| Fonts de Larmes (Marcia Funebre) | Adeodato GAtt |
| Mosè al Egitto (Death of Ace) | Giacchino Rossini |
| Peer Gynt | Edward Grieg |
| Is-Seba' Kelmiet | Richard Bugeja |

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ kellha tkun preseduta mill-Ambaxxatur Franċiż M. Patrick Chrismant. Minkejja dan, il-wirja se tiftaħ għall-pubbliku bejn l-Erbgħa 16 u l-Ħadd 20 ta' April.



*Mons. Sebastian Laboa (Nunzju Appostoliku) flimkien ma' membri tal-Kumitati u wħud mill-mistednin li attendew għall-ftuħ tal-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira tal-1995 fil-Każin Banda San Filep. Fost il-mistednin jidhru: Dr. Godfrey Farrugia (Sindku), Rev. Charles Attard (Arċipriet), Rev. Lawrenz Mifsud, Rev. Ġwann Azzopardi u Rev. Carmel Gatt (Direttur Spiritwali).*

***Nhar il-Ġimgħa 18 ta' April 2003***
***il-Banda San Filep takkumpanja l-Purċissjoni***
***tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep.***

# Ritratti b'Tifkira

**minn Tony Terribile**

Din is-sena, fl-okkażjoni tal-publikazzjoni ta' dan il-ktieb, qegħdin nipproduċu tliet ritratti oħra li juruna dehriet differenti tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ ta' żminijiet oħra. Illum dawn jgħoddu 'l fuq minn ħamsin sena. Fihom ħwejjeġ u tifkiriet interessanti kif se naraw f'din il-kitba. Ir-ritratti ttieħdu fl-istess jum. Żgur li kienet ġurnata xemxija, għaliex id-dawl u d-dellijiet tax-xemx jidhru sew fit-tlieta li huma.

Fl-ewwel wieħed qed naraw id-dehra tal-Vara l-Kbira wieqfa fil-bieb tal-knisja armata u mdawra b'għadd ta' xemgħat kbar u żgħar u kif ukoll bil-fjuri bejniethom. Hu armar uniku u tabilħaqq oriġinali li narawh biss f'dawn l-istatwi. Hekk għadu sal-lum u nispera li jibqa' hekk dejjem! Osservaw il-fratelli bil-barnus f'rashom u b'salib ta' l-injam f'idejhom. Naraw ukoll żewġ globi wieqfa u lesti biex mal-mixja ta' l-istatwa, dawn jimxu magħha. Fuq ix-xellug jidhru għadd ta' bandisti bl-istrumenti f'idejhom lesti wkoll biex jibdew il-mixja tagħhom wara l-fratelli u quddiem l-istatwa. It-tieni wieħed fuq quddiem jagħti lemħa lis-Surmast Adeodato Gatt,[1] filwaqt li dak bejn il-fratell bil-barnuża u r-raġel bil-lobbja jixbaħ lil Filippu Grech (Ta' Glorja). Osservaw ukoll, fuq in-naħa tal-lemin, tidher lanza twila li din kienet timxi quddiem il-Vara l-Kbira biex tfakkarna fiċ-ċenturjun Longinu.

Fit-tieni ritratt għandna d-dehra tal-monument, wieħed mis-sbieħ ta' gżiritna, ħiereg mill-knisja parrokkjali. Osservaw żewġ lanterni, tnejn minn erbgħa li kienu jimxu mal-monument u li dawn kienu jinġarru mill-fratelli. Quddiemhom kienu jimxu erba' subien imfarfrin lebsin żimarra bl-għong abjad

Unisex
RUSTIC HAIR SALON
Erika Faure
87, Triq Ħal Mula, Żebbuġ – Malta • Tel: 21 462 745





COMPEDUC



**Latest Pentium IV Systems**
**Latest DVD Nevada Laptops**
**Computer Upgrades & Repairs**
**WEB Sites Design**
**Internet Services (Dial-Up / ADSL)**
**Juniors / Adults Courses**
**'O' Level Matsec (Computers)**
**'A' Level Matsec (Computers)**
**Microsoft Certificatin Courses**
**Networks Setup**
**Latest PC Games**
**Playstation 1 & 2 Consoles**

**…and most of all a Reputable and Customer Orientated Company Call us NOW or visit our exciting Web Page on the Internet. Our Team will be more then happy to answer to any query you may have…**

**FOR ALL YOUR COMPUTER REQUIREMENTS - CompEduc**

**STUDENTS SMGB SMART CARD ACCEPTED**

CompEduc Computer Services / Computers Training Centre
'CompEduc House' 208 Sanctuary Street Żabbar
Sales Tel: 2182 6648 Technical Tel: 2167 5161 Fax: 2166 0089
Mobiles: 7982 6648 / 9947 4446
E-Mail: sales@compeduc.com.mt
Web Site: http://www.compeduc.com.mt

imberfel bil-bizzilla. Dawn is-subien kienu jġorru torċa kbira u ħoxna b'erba' ftejjel. B'xorti tajba fir-rokna tax-xellug jidher tifel minnhom b'din it-torċa f'idu. Fuq l-istes naħa għandna żewġ persuni li jiġbdu ħafna l-attenzjoni. L-ewwel wieħed hu l-pulizija. L-interess f'dan hi l-uniformi. Hekk kienet l-uniformi tal-pulizija Maltin ta' ħamsin sena ilu.

Il-persunaġġ l-ieħor hu aktar importanti. Dak il-qassis ma hu ħadd aktar minn Dun Anton Galea, li kien qassis twajjeb u umli minn Ħaż-Żebbuġ. Għamel snin twal prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira. Għal din il-purċissjoni kien jaħdem sena sħiħa. Parti sewwa mill-armar ta' din il-purċissjoni sar fi żmienu.

L-aħħar ritratt jurina l-istatwa tad-Duluri wieqfa wkoll fil-bieb tal-knisja mdawra wkoll bix-xemgħa u l-fjuri. Osservaw l-istess pulizija u issa naraw ieħor fuq in-naħa l-oħra. Fir-rokna tax-xellug naraw għadd ta' tfal iċċassati lejn il-*camera* tar-raġel li ħa dan ir-ritratt.

L-istess, it-tfal wieqfa ħdejn waħda mill-kolonni tal-knisja. Tnejn mir-reffiegħa jidhru wkoll iħarsu lejn il-*camera*. Għal Malta ta' aktar minn ħamsin sena, li jkollox *camera* kien lussu. Kienet din il-*camera*, li madwar ħamsin sena ilu dawn it-tliet ritratti marbuta mal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ.

[1] Adeodato Gatt kien is-Surmast tal-Banda San Filep bejn l-1921 u l-1962. Din il-banda akkumpanjat waħedha l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ matul l-ewwel erbgħin sena tal-ħajja tagħha. Imbagħad wara l-1892 sar ftehim biex tħalliet tieħu sehem f'din il-purċissjoni l-Banda De Rohan. Minn dakinhar 'l hawn kull waħda minn dawn iż-żewġ baned baqgħu tieħu sehem sena kull wieħed.


Refined Aluminium

***Għal kull xogħol ta' Aluminium***
***bi prezzijiet tajbin***

*Irrikorru:* **MARIO BONNICI**
Mdina Road, Żebbuġ • Tel: 2146 5170 - 9949 7740


TRY US NOW & See how much you could be Saving...
on your motor insurance!
Instant quotations from a selection of leading Motor Insurers;
Chance of being refunded the premium paid through a monthly lottery
NO FORMS TO FILL...Motor Insurance cover, there and then;
Payment of Licence at NO EXTRA CHARGE!
FREE annual ROAD SIDE ASSISTANCE MEMBERSHIP*
*available with most Insurance Products
Aon Malta Ltd. is regulated by the MFSC
Join the hundreds of satisfied clients!
We can help you SAVE...call FREEPHONE 800 7 33 66



**SLIEMA:** Cathedral Street tel. 2134 7629
**VALLETTA:** Regency House tel. 2122 2316
**VALLETTA:** Zachary Street tel. 2123 1629
**LIJA:** L-Iklin Road (Opp. JB Stores) tel. 23314250
**B'KARA:** Valley Road tel. 2149 5278
**SAN ĠWANN:** Bernardette Street tel. 2138 5693
**ŻEBBUĠ:** A. Sciortino Street tel. 2146 0817
**QORMI:** St. Sebastion Street tel. 2149 8785
**MOSTA:** Rotunda Sqare tel. 2142 0728
**BUĠIBBA:** St. Anthony Street tel. 2157 8218
**QAWRA:** Qawra Coast Road tel. 2158 3875

**ĦAMRUN:** Dun Nerik Cordina Perez Street tel. 2122 7571
**RABAT:** St. Rita Street tel. 2145 0967
**BIRŻEBBUĠA:** Pretty Bay tel. 2165 0823
**FGURA:** Żabbar Road tel. 2182 0918
**ŻEJTUN:** Constitution Street tel. 2182 1731
**ŻURRIEQ:** Main Street tel. 2164 9290
**ŻABBAR:** St. Dominic Street tel. 2180 8910

**PICK ANY ITEM FOR ONLY Lm1**
**OPENING HOURS: MONDAY - SATURDAY**
**FROM: 7.30am - 7.30pm**

TOP HAT



*We specialise in made-to-measure tailoring, manufacturing of shirts and all kinds of uniforms and hiring suits.*

*Visit TOP HAT where you will find Graduation Gowns, Holy Communion, Confirmation and Wedding Suits.*

*You can also find the best range of coloured suits for all the family.*

**Tel/Fax: 2148 8241**

*210, St. Edward Street, Qormi*

# Il-Qabar ta' Kristu

**minn Rev. Alfred Agius**

"Billi kien jum it-Tħejjija tal-Għid, il-Lhud ma riedux li f'jum is-Sibt, l-iġsma jibqgħu fuq is-salib, għax dak is-Sibt kien jum solenni għalihom" (Ġw.19,31). S.Ġwann jgħidilna li meta miet Ġesù kien "jum it-Tħejjija ta' l-Għid" jiġifieri jum il-Ġimgħa.

Il-ġurnata tal-Lhud kienet tibda x'ħin tinżel ix-xemx, xi l-4.30p.m. Meta miet Ġesù kienu t-tlieta ta' wara nofs in-nhar u għalhekk il-Lhud kienu inkwetati għax biex tibda l-ġurnata tas-Sibt kien jonqos mhux aktar minn siegħa u nofs. Talbu għalhekk lil Pilatu biex ineħħi l-iġsma għax kienu qed jibżgħu li Ġesù jew il-ħallelin imutu fuq is-salib u jibqgħu hemm. Il-Lhud iqisu l-ġisem mejjet bħala xi ħaġa mpura. Jekk iħallu l-iġsma hemm, il-belt kollha f'jum il-festa kienet tiġi mpura.

Is-suldati x'ħin raw li Ġesù kien mejjet ma kisrulux saqajh biex joqtluh, iżda wieħed minnhom nifidlu qalbu bil-lanza u hekk kien ċert bil-mewt tiegħu.

Għal-Lhud kien dnub kbir tiċċelebra l-festa ta' l-Għid, l-akbar festa tagħhom, bl-iġsma tal-mejtin fil-belt. Naraw kollox iseħħ bil-għaġġla għax ma kienx fadal żmien biex jibda jum is-Sibt; meta Ġużeppi minn Arimatija talab lil Pilatu l-ġisem ta' Ġesù, Pilatu stgħaġeb li Ġesù kien diġà mejjet u tah il-permess.

Ġużeppi minn Arimatija ma' Nikodemu, ħabib ta' Ġesù u xi nisa oħra ma' Marija Omm Ġesù, xtraw xi fwejjaħ u dilku lil Ġesù bihom.

Qrib il-Golgota, l-għolja fejn miet Ġesù, Ġużeppi minn Arimatija sab jixtri qabar ġdid. Dan ma kienx bogħod ħlief xi għaxar metri mill-Golgota.

L-evanġelista meta jgħidilna li kien qabar ġdid, qed jgħidilna li dan il-





BergHOFF®
worldwide
Channel Trade
Marketing
Tel: 21416662
9982 7800
LIFETIME GUARANTEE
21 pcs Waterless
72 pcs Cutlery
AS SEEN ON TV
+ FREE
GIFTS
ALL THIS
for
Lm390

qabar kien magħmul minn żewġ kmamar imħaffrin ġol-blat. Hekk kienu jkunu l-oqbra l-ġodda. Fil-kamra ta' ġewwa kienu jqiegħdu l-mejjet fuq biċċa blata maqtugħa ċatta, twila daqs ġisem ta' bniedem, wara li kienu jidilkuh bil-fwejjaħ. (Lk. 23,56) Kienu jgeżwruh ġo liżar u jgħattulu rasu b'maktur. Fil-kamra ta' barra kienu jħallu xi fwejjaħ jew affarijiet oħra li kienu jiġu bżonnhom 'il quddiem. Quddiem it-tieni kamra kienu jqiegħdu ġebla kbira biex jagħlqu l-qabar.

Biex il-fwieħa ma tispiċċax fix-xejn kienu jorbtu l-mejjet, idejh u saqajh, b'xi biċċiet oħra ta' l-għażel. (Gw.11,44)

Għal Ġesù ma kienx hemm żmien biex jorbtulu idejh u saqajh. Kien fi ħsiebhom li jerġgħu jiġu meta jispiċċa jum is-Sibt biex jagħmlu dan.

Meta kienu jidfnu aktar minn persuna waħda, il-qabar kien isir qadim. Kienu jħaffru kamra oħra aktar 'l ġewwa u f'din il-kamra kienu jqiegħdu l-mejjet antik u jħallu fit-tieni kamra l-aħħar wieħed li jkun miet.

Barra minn hekk il-Lhud kienu jemmnu fil-qawmien mill-mewt wara l-ġudizzju universali. Skond it-tradizzjoni Lhudija dan il-ġudizzju kellu jsir fil-Wied ta' Josafat, il-Wied bejn il-ħajt tat-tempju u l-għolja taż-Żebbuġ.

Meta nbniet l-ewwel knisja fuq il-qabar ta' Kristu, l-insara qattgħu madwar il-qabar il-blat kollu li kien hemm u ħallew spazju bejn il-qabar ta' Ġesù u l-oqbra l-oħra. Fuq il-qabar ta' Ġesù nbniet kappella. Il-qabar ma kienx fil-fond bħal ma kienu ħafna oqbra oħra ta' żmien ("kokim"), imma kellu forma ta' mejda u kien faċli toqgħod bilqegħda.

Ir-rumani meta rebħu Ġerusalemm, bnew tempju lil Jupiter. F'dan it-tempju kienu qiegħdu wkoll statwa ta' Venus. Dan it-tempju kien inbena fuq il-Golgota u l-ġnien li kien hemm ħdejh. Meta bnew it-tempju, ir-rumani tellgħu ħajt kbir u wiesa' u fuq dan il-ħajt bnew it-tempju ta' Jupiter (Giove). Id-drawwa romana ta' kif kienu jibnu jiġifieri jħallu kollox kif kien, salvat dawn il-postijiet tant għażiża għalina.

Żebbuġ Stationers & Newsagents
& Sebio's Photo Studio

Sciortino Street, Żebbuġ ZBG 03 - Malta • Tel: 2146 6076

STATIONERY and TOYS

die ECKE

Mons. M. Azzopardi Street, Siggiewi.

Tel: 2146 3403

We stock a large variety of

**GREETING CARDS, BOOKS, MAGAZINES, SURROUND SYSTEMS, HI-FI, VIDEO PLAYERS, T.V., PLAYSTATION (GAMES), HOUSEHOLD GOODS, ALL SORTS OF STATIONERY, BINDING, PHOTOCOPIES, I.D. PHOTOS AND A LARGE VARIETY OF GIFTS.**

*The largest toy shop in town*
*where you'll find everything you'll ever need*

## Tagħrif Storiku

# Aspetti mill-Ikonografija tal-Vara l-Kbira fil-Gżejjer Maltin

minn Vincent Zammit

Il-gżejjer Maltin huma magħrufa għall-festi solenni li jiġu organizzati minn diversi parroċċi madwar il-gżejjer Maltin fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dawn il-festi issa ilhom ħafna snin isiru, u fil-fatt inbniet mhux biss tradizzjoni, iżda wieħed jista jgħid ukoll li hemm ċertu karatteristiċi li nsibuhom f'Malta biss[1]. Fost id-diversi karatteristiċi li nsibu fostna huma l-purċissjonijiet li jsiru fit-toroq ta' wħud mill-irħula u l-ibliet tagħna. Fost il-ħafna statwi, jew inkella aktar aħjar vari, naraw dik li tispikka l-aktar, magħrufa aħjar bħala l-vara l-kbira.

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-istatwi li aħna imdorrijin naraw fit-toroq Maltin, malajr nindunaw li jkun hemm ċertu karatteristiċi li wieħed jista jgħid jibqgħu magħna. Il-Vara l-Kbira hija magħrufa hekk minħabba l-istess kobor tagħha (u dan naturalment qabel ma bdew jiddaħħlu l-istatwi li juru l-Aħħar Ċena), u anke minnħabba l-fatt li jkun hemm l-aktar numru ta' persunaġġi fuq din l-istatwa. Il-figuri li naraw huma naturalment dak ta' Ġesù fuq is-Salib, u fil-biċċa l-kbira jkun muri dejjem fil-mument meta jinstab fl-aħħar nifs ta' ħajtu. Hemm imbagħad il-figuri l-oħra li juru l-Madonna, San Ġwann kif ukoll il-Maddalena. Iżda apparti minn dan it-tqassim hemm imbagħad tlett vari li huma kemmxejn differenti minħabba li hemm figura oħra mdaħħla fuq din il-vara.

F'Ħal Għaxaq insibu wkoll imdaħħal il-figura ta' suldat. Dan is-suldat jinstab b'lanza f'idu u bi sponza wkoll, biex ifakkarna fil-mument meta Ġesù qal li għandu l-għatx, u ingħata sponza bil-ħall.

> **…Wara dan Ġesu, billi issa kien jaf li kollox kien mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura qal:**
> ***Għandi l-għatx!* Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall: huma xarrbu sponża bil-ħall, waħħluha ma' qasba ta' l-issopu, u ressquhielu lejn ħalqu... (Ġwanni 19.28-29)[2].**

living beauty
THE BEAUTY SALON

Indian Head Massage

**Sarah / Claire**

'Living Beauty',
Gandlora Street,
Żebbug ZBG 02, Malta.
Tel: **2146 7616**

*By appointment only*

Fl-istess ħin tajjeb li jingħad li l-figura ta' dan is-suldat ma kienetx tifforma parti mill-vara oriġinali. Filwaqt li l-vara saret minn Peppi Vella, mill-Belt Valletta, is-suldat sar minn Carmelo Agius, minn Ħal Għaxaq. Ix-xogħol ta' Vella sar fis-seklu 19, filwaqt lis-suldat tpoġġa hemm fis-sena 1977[3].

Fil-vara li nsibu fil-parroċċa tan-Nadur naraw differenza oħra. Hemm il-figuri tas-soltu, u magħhom hemm ukoll suldat Ruman. Din id-darba is-suldat huwa Longinu. Dan kien is-suldat li skond tradizzjoni kien hu li nifed il-ġenb ta' Ġesù bil-lanza biex taħ l-aħħar daqqa mortali.

> **...B'danakollu wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma... (Ġwanni 19.34).**

Maż-żmien dan il-persunaġġ jingħad li nidem minn dak l-att u barra li kkonverta, spiċċa biex sar qaddis ukoll[4]. Din il-vara saret kollha kemm hi minn Michael Camilleri Cauchi, u żżanżnet fis-sena 1976.

Vara oħra, anke din id-darba f'Għawdex, li għandha il-figura ta' Lonġinu hija dik li toħroġ mill-Katidral. Il-vara ma saritx kollha f'daqqa. L-ewwel parti saret fis-sena 1968, u dawn kienu il-figuri tal-Madonna, San Ġwann u l-Maddalena.

Biex tinħareġ il-vara fil-purċissjoni ta' dik is-sena, kien inġieb il-figura ta' Ġesù Imsallab mix-Xewkija, għax dak li kien hemm għal din il-vara ma kienx għadu tlesta. Is-salib, li huwa tal-ġewż, sar minn Ġorġ Farrugia. Fis-sena ta' wara tlestiet il-figura ta' Ġesù Imsallab, u b'hekk tpoġġa dak li naraw illum. Fl-1970 imbagħad tlestiet il-figura tas-suldat Lonġinu, ħalli b'hekk il-vara spiċċat kompluta. Xogħol fuq dawn il-figuri saru mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Il-Kumplament tal-vari li nsibu fil-purċissjonijiet tal-gżejjer Maltin kollha għandhom l-istess tqassim - tlett figuri madwar Ġesù Imsallab. Għalkemm dan huwa it-tqassim ġenerali, wieħed jifhem ukoll li mhux dejjem sejjer ikun hemm l-istess kompozizzjoni. Naraw li x'imdaqqiet il-Maddalena tkun murija għarkobtejha taħt is-salib.

X'imdaqqiet narawha ukoll bil-wieqfa. Hemm il-figura tal-Madonna, jew narawha waħedha, inkella b'San Ġwann ma ġenbha. Dawn huma biss tibdil mill-istess skulturi ħalli jippruvaw joħolqu daqsxejn ta' differenza f'suġġett li ma tantx hemm fejn wieħed ibiddel.

Il-vari li naraw kollha kemm huma joffru parti mill-istess folkor, mentalita, kif ukoll tradizzjoni tagħna l-Maltin. Meta wieħed iqabbel dawn l-istatwi ma dawk oħrajn ta' barra minn xtutna naraw li jkun hemm xi ftit ta' differenzi, għalkemm dawn dejjem ikunu ftit. Biss, dak li huwa tagħna jibqa jiġbed l-

# MUXI FASHION

Ladies Fashion
Children's Wear
All Ages All Sizes






**33, Misraħ Muxi**
**Żebbuġ ZBG 05**



# JOSEF FELICE

( T A L - B O N Ċ )

**GĦAL SERVIZZ TA' FUNERAL**
**tul l-24 siegħa tal-ġurnata**
**U**
**ORGNI**
**għat-tiġijiet, funerali u anniversarji**

**'Casa Felice', Triq l-Indipendenza, Żebbuġ**
**Tel: 21 466599  Mobile: 9945 6733**

ammirazzjoni ta' dawk kollha li jkunu fostna f'dawn iż-żmenijiet. Barra minn hekk l-istess tradizzjonijiet għadhom jiġbdu l-attenzjoni ta' ħafna Maltin ukoll.

1 Insibu diversi kitbiet li reċentament żiedu it-tagħrif dwar dawn il-festi partikulari. Insemmu biss uħud minnhom:
Jospeh F. Grima, editur
**Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex**, 1992;
Brian Bonnici
**Il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta**, 1998;
Brian Bonnici
**Dell is-Salib Fil-Gżejjer Maltin**, 1999.

2 **Il-Bibbja**, Għaqda Biblika, 1984.

3 Joseph Grech **Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Malta u Għawdex**, 1999.

4 Dan kien qaddis li nibtet storja, biex ma ngħidux leġġenda, dwaru, li kien ikkonverta taħt l-istess salib fejn kien hemm Ġesù imsallab. Kien ukol spiċċa biex ingħata l-mewt minħabba it-twemmin tiegħu, u għalhekk kien wieħed mill-martri ta' l-ewwel seklu ta' l-istorja tal-Knisja Kattolika. L-isetss isem ta' Lonġinu, jintrabat ma' persunaġġi oħra.


# *Żebbuġ Video Rentals*

4, Vjal il-Ħelsien – Tel. 2146 8835

**Il-Ħanut Ideali għall-Films Oriġinali u New Releases u DVD Rentals**

**• Radios • Stereos • Video Rec. • T.V. • Cards**

***Nagħmlu Photocopies tal-Kulur.***



*Updating and Guide*
*your home, garden*
*and office in*

# DIGIT LINE

For home improvements, house ware appliances, sound and vision,
telephones, dish washers, microwaves, geysers,
dehumidifier, gas/electric heaters, kitchen sinks, white goods,
TV cabinets, TV/sterio/speakers stands, computer chairs,
executive & leather chairs, gas barbecues, kitchen/dinner sets etc.,
all of top brand names, such as Whirlpool, Creda, LG,
Philips, Sharp, Grundig, Pioneer, Kenwood, Trudy,
Rondine, etc.
**Smooth and reliable Chigo-air conditions –**
**Unbeatable prices on Tatung microwaves - DVDs - Fridge/Freezers**
**Kanrich video door phone system**
all under one floor modernized shop. Great cash discounts.

*You can visit us at*

**F. Farrugia Street, Żebbuġ ZBG 04**

*(Near Tal-Grazzja Pharmacy)*

**Tel: 21 464329 Fax: 21 464329**

**Mob: 7946 4329, 7946 5650**

**e-mail: tantimp@waldonet.net.mt**

# Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Filatelija

minn Carmel Scicluna Bonnici

Il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa għandhom post ċentrali fil-ħajja tal-Kristjaneżmu. Din l-importanza ġiet espressa fil-filatelija tematika biex turi espressjoni ta' mħabba mill-qalb u ta' apprezzament intellettwali mill-moħħ tal-bniedem.

## Anguilla Islands




Din il-gżira tagħmel parti minn ġabra ta' ħafna gżejjer tal-*West Indies* fin-naħa tal-baħar li jismu l-Baħar Karibew. Dawn il-gżejjer kienu kollha kolonji Franċiżi iżda l-kbir l-Ammirall Ingliż Lord Nelson rebaħhom tista' tgħid kollha fil-battalji navali kontra Napuljun Bonaparte li kien imperatur ta' Franza.

Hekk dawn il-gżejjer saru kolonji Ingliżi. Franza kien baqgħalha xi wħud minn dawn il-gżejjer li jinsabu fuq in-naħa l-oħra ta' *Windward Islands*, il-baħħara jsibu din il-parti bl-isem ta' *Lesser Antilles*. Anguilla kisbet l-i*status* ta' *Associate Statehood* fis-27 ta' Frar 1967 u fit-30 ta' Mejju ta' l-istess sena saret indipendenti.

L-ewwel sett ta' bolli kommemorattivi ta' l-Għid ħareġ fil-31 ta' Marzu 1969. Id-disinjatur kien *John Lister Ltd.*, stampat fuq *Litho Format*, sett ta' żewġ bolli bil-valur postali ta' 25c u 40c. Il-bolla b'valur postali ta' 25c turi l-*Kruċifissjoni ta' Kristu*, meħud mill-pittura ta' Massep. Il-bolla ta' valur 40c turi l-*Aħħar Ċena* ta' Robert, sett sabiħ ħafna apprezzat mill-filatelisti.

Unisex Boutique
& Sports Wear

Sciortino Street, Żebbuġ
Tel: 2146 6244
Fax: 2146 2247

INTEGRATED ELECTRONICS LIMITED

Naxxar Road, San Gwann SGN 07
Tel: 21374235 - Fax: 21374294
Website: http://www.ielmalta.com

brother

- Plain Paper Fax Machines
- Laser Fax Machines
- Multi-Function Machines
- Laser Printers
- Colour Laser Printers
- Black & White Photocopiers
- Colour Photocopiers

Plain Paper
Fax Machines

FROM

Lm84.00
inc VAT

SOLE AUTHORISED
DISTRIBUTORS FOR

DEVELOP HSM
brother Gestetner

## Antigua Island (fil-parti ta' Leeward Islands)

Din il-gżira tgawdi storja twila fis-sistema postali. Kellha sistema postali sa mis-sena 1760 jiġifieri tmenin sena qabel ma ħarġet l-ewwel bolla Ingliża. Kull ittra li kienet tidħol fl-uffiċċju, flok il-bolla, il-*postmaster* kien jiffirma fuq l-ittri biex imbagħad il-pustier kien jiġbor il-flus dovuti. Dan l-uffiċċju postali kien jinsab fil-belt kapitali Saint John. L-ewwel posta Ingliża bejn l-1858 u l-1860 kienet tuża l-bolla li tissejjaħ *The Great Britian Stamps Used Abroad*. *Antigua island* kienet tuża dawn il-bolli u t-timbru li kienet tuża kellu stampat fuqu *Code Number 402*.

Fl-31 ta' Marzu 1981 saret indipendenti u f'Novembru ta' l-istess sena, il-gżira ta' Barbuda, għalkemm mili 'l bogħod sewwa, ingħaqdet ma' Antigua. Il-posta kienet fil-belt ta' Cordringtor. L-ewwel sett li kellu bħala tema l-Ġimgħa Mqaddsa kien sett ta' tmien bolli li juru xeni mill-passjoni ta' Ġesù Kristu, kienu bolli li fuqhom kien hemm stampat l-isem taż-żewġ gżejjer *Antigua and Barbudas*. Dan is-sett ifakkar il-500 sena tat-twelid tal-pittur Titian u ħareġ fil-11 ta' April 1988, stampat fuq *Litho Questa*. F'dan is-sett insibu bolla b'valur postali ta' 30c li turi pittura tal-bust ta' Kristu. Bolla oħra b'valur postali ta' 40c turi l-flaġellazzjoni ta' Kristu. Il-bolla b'valur postali ta' 25c għandha bħala tema l-*Madonna mdawra bil-Qaddisin u bl-Anġli*. Il-bolla b'valur postali ta' dollaru turi l-pittura ta' l-*Eccehomo* jew b'ilsienna Ġesù nkurunat bix-xewk. Il-bolla ta'


TA' XMUN

Hardware and Home Improvements

*A Personalised & Friendly Service is assured*

Ta' Xmun Ltd.
N/B Sciortino Street,
Żebbuġ ZBG 03 - Malta

Tel: 2146 6548
Fax: 2146 6548


Attrans Limited
Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta
Tel: (+356) 2146 1259, 2146 6269, 2146 3252/3 Fax: (356) 2146 5675
Direct: (+356) 2146 3252 — Mobile: 9949 8345
International Trailer Operators

valur ta' żewġ dollari turi x-xbiha ta' *Kristu Mkasbar*. Il-bolla b'valur postali ta' tliet dollari għandha bħala tema l-*Laqgħa ta' Kristu ma' Xmun iċ-Ċirinew*, waqt li l-bolla b'valur postali ta' erba' dollari turi l-pittura ta' *Kristu Msallab madwaru l-Madonna u l-Qaddisin*. Sett stampat fuq żewġ *miniature sheets* qisien ta' 110 × 95mm. Fuq il-*miniature sheet* hemm ix-xbiha ta' l-*Eccehomo* u l-kelmiet *Noll me tangere* li b'ilsienna tfisser *La Tmissunix*.




It-tieni sett dam ma ħareġ ħafna snin. Fil-fatt kien stampat fil-15 ta' April 1992. L-isem ta' dan is-sett tematiku hu *Pittura Reliġjuża ta' l-Għid*. Sett ta' tmien bolli b'diversi valuri postali. Il-bolla b'valur postali ta' 10c turi l-pittura tal-kbir pittur Kalabriż, Caravaggio bit-tema l-*Ikla ta' Emmaus*.

Il-bolla b'valur postali ta' 15c turi pittura ta' Zurbaran bit-tema l-*Viżjoni ta' San Pietru*. Il-bolla b'valur postali ta' 30c għandha bħala tema pittura ta' Ribera li turi 'l Ġesù mgħaddab għall-profanazzjoni tat-tempju ta' Ġerusalemm minn negozjanti Lhud. Ġrajja li seħħet ftit żmien qabel il-passjoni.

Il-bolla b'valur postali ta' 40c għandha bħala tema pittura ta' Ribera li turi l-

• għal paġna 33

**FREDDIE'S**

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa,
żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals,
sport shoes minn ditti renomati, basktijiet ta'
l-iskola, handbags u kartieri

***Sciortino Street, Żebbuġ***

**FOOTWEAR**

***Tel: 2146 5915***

# Kumitat Organizzattiv

minn Doreen Attard Montalto



Il-Ġimgħa l-Kbira ta' l-2003 hija l-għeluq l-għaxar sena mill-ewwel wirja tal-Ġimgħa l-Kbira mtellgħa mill-kumitat fil-Każin Banda San Filep biu statwi kbar. Din il-wirja taċ-Ċenaklu kienet inawguraha Dr Ugo Mifsud Bonnici li kien President ta' Malta. Fis-sena 1998 żdiedet wirja oħra – il-Kruċifissjoni. Dawn iż-żewġ wirjiet kienu jinvolvu x-xogħol grandjuż ta' Alfred Camilleri (l-artist) u minn diversi nies fil-kumitati tal-każin. Ma' dawn iż-żewġ wirjiet hemm wirja oħra li hija l-Via Crucis li hi tas-Sur Joe Sammut.

Sena wara oħra kellna eluf ta' nies li żaru din il-wirja fejn kulħadd jibqa' impressjonat bil-professjonalità tax-xogħol u bil-livell għoli ta' dawn il-wirjiet.

Nixtieq nirringrazzja lil dawk il-membri bieżla u ġenerużi tal-każin u lin-nisa kollha involuti għall-ħin li jiddedikaw biex jittellgħu l-wirjiet u ta' sehemhom waqt il-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-istess wirjiet.

Din is-sena l-wirja tiftaħ nhar l-Erbgħa 16 ta' April u tibqa' miftuħa sa nofsinhar tal-Ħadd 20 ta' April. Kulħadd hu mistieden.

L-Għid it-tajjeb.

## Il-Kumitat Organizzattiv

| | |
|---|---|
| **President:** | Doreen Attard Montalto |
| **Viċi President:** | Rosario Magri |
| **Kaxxier:** | Josef Cachia |
| **Segretarja:** | Agnes Pirotta |
| **Membri:** | Polly Vassallo, Concetta Gatt, Assunta Mifsud, Tanya Micallef, Pawla Cachia, Ġuża Mifsud, Mary Mallia, Doris Ciantar, Philip Balzan, Tarcisio Mifsud, Saviour Chetcuti, Rosario Ciantar, Gerald Brincat, Joe Tabone, Brian Mifsud, Paul Schembri. |



*Mr. Michael Macy (l-ewwel mix-xellug) flimkien Rosario Magri u membri tal-Kumitat Organizzattiv (Ċettina Gatt, Agnes Pirotta, Doreen Attard Montalto, Ivy Gatt, Maria Assunta Mifsud, Ġuża Mifsud u Tanya Micallef) u tlieta minn ulied Mro. Philip Gatt (Doriette, Karmena u Camilla).*



*Mix-xellug għal-lemin: Jesmond Vella (Delegat tal-Banda), Carmel Cascun (Viċi-President Anzjan), Pio Cilia (Viċi-President), Mr. Michael Macy (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi fl-Ambaxxata Amerikana), Doreen Attard Montalto (President Nisa u Kumitat Organizzattiv), Rosario Magri (Assistent Kaxxier), Mro. Raymond Fenech (ex Surmast), Philip Balzan (ex Segretarju), John Borg (Assistent Kaxxier) il-Każin Banda San Filep wara l-inawgurazzjoni tal-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira fl-istess każin.*

# CD/Cassette ġdid ta' Marċi Funebri mill-Banda San Filep

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Largo | *Filippo Galea* | *3.50* |
| 2. | Alla memoria dei caduti nel Transvaal 1889 | *Angelo Melilli* | *9.00* |
| 3. | L'ultima parola di mio padre 1911 | *Michele Gatt* | *7.00* |
| 4. | Fonts De Larmes 1930 | *Adeodato Gatt* | *6.00* |
| 5. | September 11, 2001 | *Richard Bugeja* | *6.00* |
| 6. | Il Salice | *Cardenio Botti* | *7.00* |
| 7. | Marcia Funebre | *Ettore Matteoli* | *5.50* |
| 8. | Lapidi e Cipressi | *Nikola Montebello* | *9.50* |
| 9. | B' tifkira ta' Mro. Indrin Borg | *Emmanuel Borg* | *9.50* |
| 10. | A mia madre Tereza | *Hector Dalli* | *0.00* |

**Surmast Direttur:** Mro. Richard Bugeja A.(Mus.)LCM, ACIB

© Każin Banda San Filep

# Marċi Funebri oħra fuq CD/Cassettes tal-Banda San Filep

Mesto Ricordo ................................ Angelo Melilli
Il Cipresso ...................................... Angelo Melilli
Venerdi Santo .......................... Carmelo Micallef
Aria .......................................... Frederick Chopin
Aria ................................ Ludvig Van Beethoven
Mater Dolorosa ....................... George F. Handel
Omm Imnikkta ................................. Imelda Tanti
In Memory of Rev. L. Callus ....... Michael Ciantar
A Mia Figlia ........................ Domenico Bartolucci
A Miei Cari Genitori ..................... Andrew Calleja
Mesto Recordo ......................... Amadeo Gannini
A Mio Padre .............................. Giacchino Rossi
A Dilecto Padre Meo ........................ Philip Attard
Riposo Eterno ............................ Michael Ciantar
Cordoglio .................................. Antonio Meruzzi
He is no More ......................... Karmenu Coleiro
Pietà ....................................... Raymond Fenech
B'Tifkira tal-Bandisti Mejtin ........ Emanuel Bugeja
In the Cool Dark Grave ...................... Philip Gatt
Rimpianto .............................. Vincenzo Ciappara
L'Ultimo Addio ........................... Antonio Miruzzi
In Memory of St. Philip's Club Members .................. Raymond Fenech
In Memory of Philip and Anne Ciantar ........................... Brian Cassar
In Memory of Filippa Farrugia ......... John Ciantar
L'Ultimo Saluto ........................ Karmenu Chircop

# IT-TQASSIM
# TAL-WIRJA GRANDJUŻA
# TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

## FIL-KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D. 1851

## Sala 1: **IĊ-ĊENAKLU**

Rappreżentat b'sett ta' tlettax-il statwa kbira *(life size)* u artistika, xogħol l-istatwarju magħruf ALFRED CAMILLERI CAUCHI flimkien mal-kontribut mhux żgħir ta' bosta membri tal-każin. Ta' min jgħid li l-ikel li jidher fuq il-mejda quddiem l-appostli jkun imsajjar frisk kull sena skond riċetti Lhud.

## Sala 2: **IL-VIA CRUCIS**

Sett ta' vari żgħar tas-Sur Joe Sammut, li juru l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù kif aħna mdorrijin narawhom fil-knisja u fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-sett jinkludi Sepulkru mmudellat fuq dak ta' l-Imdina, kif ukoll Via Sagra, bandalori u ornamenti oħra li fiċ-ċokon tagħhom iġegħluk tiggustahom.

## Sala 3: **KRUĊIFISSJONI**

Xogħol grandjuż ta' ALFRED CAMILLERI CAUCHI li ħoloq ix-xena tal-GOLGOTA fuq skala kbira u realistika li tagħmel din il-wirja unika f'Malta. Fiha għaxar persunaġġi, tlett islaleb kbar u xenarju spettakulari.

***Ix-xogħol tad-disinn u skultura ta' l-statwi kbar sar mill-artist Alfred Camilleri Cauchi mgħejjun minn membri bieżla u ġenerużi tal-każin li flimkien għamlu monument ieħor li jixhed il-ħila tagħhom.***



JOLLY

COMPONIBILI

2

FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALL UNITS - SETTEES
FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS

Mdina Road Żebbuġ - Malta

**Tel / Fax: +356 2146 6154**

• minn paġna 27
Martirju ta' l-Appostlu San Bartilmew. Il-bolla b'valur postali ta' dollaru turi lil Kristu jaqleb it-tilari mimlija flus f'xena mill-*Profonazzjoni tat-Tempju ta' Ġerusalemm*.

Din id-darba l-pittur huwa Tilpolo. Il-bolla b'valur postali ta' żewġ dollari għandha bħala tema l-*Kruċifissjoni ta' Kristu*, pittura ta' Altdorfer. Il-bolla b'valur postali ta' erba' dollari għandha bħala tema l-*Inżul ta' Kristu Mejjet mis-Salib*, pittura tal-famuż pittur Fjorentin Dumnikan Fra Anġeliku.

L-aħħar bolla b'valur postali ta' ħames dollari għandha bħal tema pittura oħra ta' Fra Anġeliku bl-istess tema ta' l-*Inżul ta' Kristu minn fuq is-Salib* imma fuq stil differenti. Stampat fuq żewġ *miniature sheets* b'qisien ta' 112 × 71mm. L-ewwel *miniature sheet* għandha stampat fuqha l-*Aħħar Ċena* ta' Massep, waqt li t-tieni *miniature sheet* għandha stampat fuqha l-*Kruċifissjoni ta' Kristu* ta' Altdorfer.

Il-gżira ta' Barbuda kif rajna hi integrata ma' Antigua. Il-gżira ta' Barbuda kellha l-ewwel bolli tagħha fit-13 ta' Lulju 1922. Fl-24 ta' Marzu 1969 Barbuda kellha l-ewwel sett ta' bolli kommemorattivi bl-isem ta' Barbuda stampat fuqu. Sett iddisinjat minn R. Granges Barrek. L-isem ta' dan is-sett kien *The Ascension* jiġifieri Lapsi.

Paul
Testa
Travel

Triq l-Ursolini, Pietà
Tel: 2122 3299 – 2122 3340

# ONYX

## *Jewellers*

**232, Żabbar Road, Paola**
**Bisazza Street, Sliema**

# JADE

**Jewellers**
**Main Street, Żebbuġ**
**Tel: 2146 3833**

Gold - Silver - Diamond Rings
Silverware



# HORIZON 2000

## COMPUTER SYSTEMS

**Pentium III/IV & AMD Computer Systems, Computer Upgrades, Computer Software, Computer Accessories, Computer Customer Support, Programming to client's needs, Computer Academic Courses, Photocopy Service, Repair Services on all Computer Systems**

**Special Rates for Group Students or Organisations**

**Bookings open for Matsec 'O' Level Course starting for May 2002**

***Individual computer & notes given***

• Introduction for Beginners (ages 5 years & over) • Introduction for Beginners for Adults • • Office applications for the people seeking office work • Matsec 'O' Level Courses 2003 (Booking now open) • Internet Literacy • HTML Programming • Java Script • Coral Draw • Pascal for students attending courses at Secretarial Schools and University

**Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ ZBG 03**
**Tel: 21 462236 • Fax: 21 462236 • E-mail: horizion2000@mail.global.net.mt**

## Barbados – Windward Islands




Il-gżira mdaqqsa sewwa ta' Barbados għandha l-belt kapitali tagħha jisimha Bridgetown. Fis-7 ta' April 1971 ħarġet sett ta' erba' bolli bl-isem ta' *Easter*. Id-disinjatriċi ta' dan is-sett hi Jennifer Toobs. L-ewwel bolla ta' valur postali ta' ċenteżmu għandha bħala tema l-*Via Dolorosa,* b'ilsienna t-Triq tas-Salib. Ix-xbiha stampata fuq din il-bolla hija meħuda minn fuq xogħol artistiku ta' *stained glass* mill-knisja ta' Santa Margerita. Il-bolla b'valur postali ta' 35c turi x-xbiha ta' *Kristu Rxoxt*. Xogħol artistiku ta' Benjamin West. Dan ix-xogħol artistiku hu wkoll stampat fuq il-bolla ta' valur postali ta' 50c.

## Belize – British Honduras

Il-*British Honduras* tagħmel parti mill-pajjiż Sudamerikan tal-Honduras. Dan il-pajjiż li qiegħed fil-parti ta' isfel ta' l-Amerka hekk msejħa Amerka Latina għandha t-territorju tagħha jmiss mar-Repubblika Hondura, ma' El Salvador, il-Guatemala u n-Nikaragwa. Fl-1 ta'Ġunju ta' l-1972 bidlet isimha u minn British Honduras saret Belize. Fil-21 ta' Settembru 1981 il-British Honduras jew aħjar Belize kif inhu issa magħruf kiseb l-indipendenza. Insibu bolli tematiċi fuq l-

**Express**
**Aluminium Limited**

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

***Our range of products include:***
**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**

# L-INVELL IRONMONGERY

*(Paint Centre)*

**M.A. Sapiano Str., Żebbuġ** (By-Pass ta' Ħal Muxi)
**Telephone: 2146 0500 - Mobile: 9982 9575**

**GĦAŻLA** ta' 10,000 kulur taż-żebgħa mix-*Shade Card* tal-Bartoline
**INĦALLTU** dejjem bil-kulur li tixtieq int: water paint, plastic paint, tar-ramel, roof compound u Acrylic
**NISTOKKJAW** ukoll: Sigma, Machperson, Tempra, Airflow, Berger u Hempel
**INBIEGĦU** aċċessorji tad-dawl u l-ilma, gysers, mixers, katusi, Household goods, cement, ġir u ġibs eċċ…
**NIKRU** Jiggers u Mixers

**DISCOUNT QAWWI FUQ IŻ-ŻEBGĦA**



# *MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD*

---

**31, Spencer Hill,**
**Marsa HMR 12, Malta**
**Tel: (+356) 2123 0301**
**Fax: (+356) 2123 0301**

Għid il-Kbir kemm taħt l-isem ta' British Honduras kif ukoll taħt l-isem Belize. Fis-27 ta' Marzu 1971 taħt l-isem British Honduras ħareġ l-ewwel sett ta' sitt bolli bit-tema ta' l-Għid. Dan is-sett kien iddisinjat minn Silvia Goaman stampat fuq *Litho Questa*. Għalkemm hu sett tematiku fuq l-Għid il-Kbir huwa sett profan fis-sens illi m'għandux bħala suġġett xeni reliġjużi li x'aktarx wieħed jistenna li juri. Minflok juri fjuri. It-tieni sett tematiku li ħareġ fuq l-Għid il-Kbir ġie stampat fit-28 ta' Frar 1972. Dan is-sett kien iddisinjat minn G. Drummond u kien stampat fuq *litho format*. Bħal ta' qablu dan is-sett bolli hu wkoll profan għax bħal ta' qablu għandu bħala stampi kollezzjoni ta' fjuri.




Fil-15 ta' April 1986 Belize ħareġ sett ieħor ta' bolli tematiċi fuq l-Għid il-Kbir. Dan is-sett hu magħmul minn 8 bolli differenti stampati fuq folja waħda. Ġew stampati wkoll fuq folja bl-istess bolla għal erbgħin darba. Il-*miniature sheet* għandha qisien ta' 147 × 82mm. Id-disinn ta' dan is-sett huwa xogħol ta' G. Vasarhely. Dan is-sett juri papiet differenti u għalhekk strettament nistgħu ngħidu li bħala tema għalkemm ġie stampat biex ifakkar l-Għid il-Kbir m'għandu x'jaqsam xejn mal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-bolla b'valur postali ta' erba' dollari turi x-xbiha tal-Papa preżenti Ġwanni Pawlu II.




Fil-21 ta' Marzu 1988 ġie stampat sett ieħor ta' bolli tematiku dwar il-Ġimgħa Mqaddsa. Dan is-sett bolli li kien fuq folja waħda jġib ix-xbihat kollha ta' l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra. Dan is-sett bolli ġie ddisinjat ukoll minn G. Vasarhely u ġie stampat fuq *miniature sheet* waħda ta' sitt dollari. L-erbatax-il bolla huma kollha ta' 40c-il waħda. L-isem tekniku ta' dan is-sett huwa *Easter and the Stations of the Cross*.

## Cayman Island




Il-gżira Cayman tinsab fil-Punent tal-Baħar Atlantiku. Fit-23 ta' Marzu 1970 ħareg l-ewwel sett postali tematiku fuq l-Għid il-Kbir. Ix-xbihat stampati fuq dan is-sett ta' seba' bolli huma xogħol meħudin minn pittur Taljana. Dan is-sett ġie stampat mid-ditta Ingliża D.L.R. (De La Rue). Il-valur postali ta' dan is-sett bolli jvarja minn 1/4c, 12c u 40c.

Fit-28 ta' Marzu 1978 *Cayman Island* ħarġet sett ieħor ta' bolli tematiċi li jfakkar l-Għid il-Kbir u l-450 sena mill-mewt ta' Dürer. Dan is-sett kien iddisinjat minn Jennifer Toombs u

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel, & General Building Material Stockholders*

**Żebbuġ Road, Attard - Malta**

**Tel: 2141 8029**

kien stampat fuq *litho Carter S.A. France*. Dettal tekniku ta' dan is-sett hu li dan is-sett għandu l-*watermark* maqluba. Dan is-sett jikkonsisti f'erba' bolli ta' valur ta' 10c, 15c, 20c u 30c. Ġew stampati fuq *miniature sheets* ta' qies 120 × 108mm. L-erba' bolli jidhru fuq folja waħda. Il-bolla b'valur postali ta' 15c turi l-*Kruċifissjoni* ta' Dürer. Il-bolla b'valur postali ta' 20c turi *Id-Daħla ta' Ġesù f'Ġerusalem*. Il-bolla b'valur postali ta' 30c turi lil Ġesù jaħsel riġlejn San Pietru. Dan is-sett ta' bolli hu sabiħ ħafna u meraviljuż.




## Ivory Coast

Dan il-pajjiż li jinsab fil-Punent tal-kontinent Afrikan, kien misjub mill-Portugiżi fl-aħħar tas-seklu 15. Fl-1893 sar kolonja Franċiża. Fl-1958 kiseb l-awtonomija u fis-sena 1960 kiseb l-indipendenza. Dan il-pajjiż baqa' juża l-munita Franċiża. Fis-sena 1983 ħareġ sett ta' erba' bolli tematiċi fuq il-Milied. Fl-ewwel bolla ta' dan is-sett naraw lil Ġesù jħares lejn San Pietru wara li ċaħdu. It-tieni bolla ta' 125 frank turi lill-qaddis kbir San Ġużepp.

It-tielet bolla ta' 350 frank turi d-dar tal-Madonna, waqt li l-aħħar bolla ta' valur postali ta' 500 frank turi lill-Madonna b'dejadema fuq rasha. Għalkemm dan is-sett huwa tematiku fuq il-Milied għandna bolla minnu li turi episodju mill-Ġimgħa Mqaddsa.

## Italja

Fis-sena 1975 l-Italja fakkret żewġ bolli bit-tema *Ewropa*. Is-suġġett magħżul f'dawn is-sett bolli hu l-arti. Il-bolla b'valur postali ta' 100 lira Taljana turi x-

Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road, Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615

# Body Care

**Josephine Azzopardi I.B.Th**
89, Mula Road, Żebbuġ
Tel: 2146 6895/2146 1499 Mobile: 9947 8661

**The Latest Technology Machine Next to Surgery:**

- Bust Lifting
- Cellulite Treatment
- Water Retention
- Relaxation Treatment
- Face Lifting
- Acne
- Waxing
- Eyebrow Shaping
- Pedicure
- Manicure
- Make-up
- Facials
- CRYO and Thermotherapy
- Painless Epilation

**Also Head-Dresses, Bouquets and Souvenirs for Weddings and Holy Communion**

# Pace Fire Prevention

**SUPPLY, INSTALLATION & SERVICE OF FIRE FIGHTING & FIRE DETECTION EQUIPMENT**

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION, QORMI QRM 06
TEL/FAX: 2144 4924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

xbiha ta' Ġesù Kristu marbut mal-kolonna jew aħjar il-flaġellazzjoni. Din il-pittura artistika hija xogħol tal-famuż pittur Kalabriż Caravaggio, li għamel żmien twil jgħix Malta u ħallielna tant opri sbieħ u tant kapolavuri fosthom il-*Qtugħ ta' Ras San Ġwann il-Battista* u *San Ġlormu*. Fil-bolla l-oħra ta' dan is-sett naraw id-*Dehra ta' l-Anġlu lil Ishmael u lil Ħaġar fid-Deżert*.




## Malta

L-Awtorità tal-posta Maltija stampat ukoll xi bolli tematiċi fuq il-passjoni ta' Ġesù. F'dawn il-bolli ppreżentajna bħal xi pajjiżi oħra wirt artistiku ta' valur kbir. Tajjeb hawnhekk insemmu sett ta' bolli li jirrappreżentaw il-*flemish tapestries* li jagħnu l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Fis-26 ta' Frar 1976 Malta ħarġet sett ta' erba' bolli li juru l-folklor Malti. Id-disinjatur ta' dan is-sett bolli huwa Nazzarenu Camilleri. Il-bolla b'valur postali ta' 1c3 turi l-festi Maltin. Il-bolla b'valur postali ta' 5c turi l-festa folkloristika ta' l-Imnarja. Il-bolla b'valur postali ta' 7c5 turi l-festa folkloristika tal-Karnival, waqt li l-bolla l-oħra turi l-Ġimgħa Mqaddsa bix-xbiha ta' l-Imgħobbi jew aħjar ir-Redentur.

Fis-26 ta' Jannar 1978 Malta ħarġet sett tematiku ta' bolli ddedikat lill-passjoni ta' Ġesù. Il-bolla b'valur postali ta' 2c turi *Id-daħla trijonfali ta' Ġesù f'Ġerusalemm*. Il-bolla b'valur postali ta' 7c turi l-*Aħħar Ċena*. Il-bolla b'valur postali ta' 11c 'l Kristu mislub fuq is-salib jew aħjar il-*Kruċifissjoni*. Il-bolla b'valur postali ta' 25c turi 'l Kristu rebbieħ fuq il-mewt jew aħjar l-*Irxoxt*. Dan is-sett bolli kien iddisinjat mill-Kavallier Envin Cremona. Fl-14 ta' Novembru 1979 il-posta Maltija ħarġet sett bolli tal-Milied. Id-disinjatur ta' dawn il-bolli kien ukoll Envin Cremona. Dan is-sett bolli juru pittura tal-pittur famuż Malti Bonnici Calì li jinsab fil-knisja ta' Ħal Tarxien. F'dan is-sett bolli, għalkemm jikkommemora l-festa tal-Milied insibu espressi żewġ weġgħat mis-seba' duluri prinċipali li sofriet il-Madonna. Il-bolla b'valur postali ta' 1c5 turi t-twelid fqajjar ta' Ġesù Bambin fl-għar ta' l-annimali waqt li l-bolla b'valur postali ta' 11c5 turi l-ħarba ta' Ġesù lejn l-Eġittu.

Żgur li l-Madonna bħal kull mara oħra xtaqet l-isbaħ u l-aqwa twelid għat-tifel tagħha. Għalhekk nistgħu nimmaġinaw kemm iddispjaċiha l-Madonna meta tat twelid fqajjar u umli lit-tifel tagħha. Kienu weġgħat li fetħu t-triq għal tant weġgħat oħra li sofriet il-Madonna meta rat lil binha mdendel fuq is-salib.



Noel Auto Dealer

Sub-Agent

TATA

Mdina Road, Żebbuġ
Tel: 21 461067

The Village Jewellers

39, Triq San Nikola, Siġġiewi QRM 12
Tel/Fax: 2146 1921 • jewel@maltanet.net

Fine 18ct. Gold,
925 Silverware and Jewellery

Leaders in Silver Jewellery fashion

*At the village price*

Holy Communion Souvenirs in Silver 925

# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones**
**2146 8982,**
**2146 1683**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta



Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

## Caterers for all Functions

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2144 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop) — Mob: 9944 3394**

*Southern Style fried Chicken*

*We also do pizza for delivery service*

**Sciortino Street, Żebbuġ – Tel: 2146 6472**

Saint Philip

Confectionery

*Caterers for all occasions*

**Sciortino Street Żebbuġ.**

**Tel: 2146 4418 Mobile: 9949 9132**

# Is-Sekwenza...

## "Lil Marija, l-Omm Ħdejn Binha fit-Tbatija" u Mons. Karm Farrugia B.L. Can. D.D.

**Tagħrif miġbur minn Philip Agius**

Fost il-bosta kittieba Maltin li f'kitbiethom marru jsellmu lill-Madonna, speċjalment lill-Verġni Marija Addolorata, insibu lill-Monsinjur Karmenu Farrugia B.L. Can. D.D. li bi kliem meqjus u b'sengħa kbira f'devozzjoni ta' saċerdot li kien, qaleb għall-ilsien Malti mill-oriġini tagħha proprju miktuba bil-Latin, din is-***Sekwenza.***

## Profil...

Karmenu twieled f'Ħaż-Żebbuġ, proprju nhar it-12 ta' Ottubru sena 1895, ġo familja li iktar 'il quddiem għolliet il-ġieħ ta' Ħaż-Żebbuġ beltna.

Infatti meta l-aħwa Farrugia kibru, insibu li Karmenu sar saċerdot; Ħuh ieħor Piju sar saċerdot hu wkoll, u kien il-bniedem responsabbli fil-bini tas-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ. Philip, ħuh ieħor sar tabib u wara professur, u ġewwa Ħaż-Żebbuġ insibuh li għal numru ta' snin jokkupa l-kariga ta' President tas-Soċjetà Mużikali – Każin Banda San Filep. Kien ukoll iċ-*Chairman* tal-Kumitat responsabbli maħtur mill-istess Soċjetà Mużikali San Filep għaċ-ċerimonja tas-*Sword of Honour* meta ġiet ippreżentata lil Lord Gord f'Ħaż-Żebbuġ f'Marzu tas-sena 1944. Kellu ħuh ieħor Manwel li sar avukat. Ma' erba' subien ingħaqdet oħthom li marret soru għamlet ħidma siewja Missjunarja lil hemm minn xtutna.

Karmenu kien għadu ta' età żgħira, meta ħass li kellu l-vokazzjoni għas-saċerdozju. Għalhekk daħal fis-Seminarju, joqgħod hemm bħala *boarder*. Fost l-għalliema li kellu, niltaqgħu ma' Dun Karm Psaila li barra li kien Żebbuġi bħalu, allura kienet inħolqot relazzjoni sabiħa bejniethom, iktar 'il quddiem Dun Karm Psaila kellu jkun il-Poeta Nazzjonali ta' Malta u għal dak li għandu x'jaqsam mal-Banda San Filep għal numru ta' snin insibu lill-istess Dun Karm Psaila bħala President Onorarju ta' l-istess Soċjetà.

Mis-Seminarju beda jattendi ġewwa l-Università ta' Malta li f'dawk is-snin kienet stabbilita ġewwa l-Belt Valletta, għall-korsijiet tal-Filosofija, u tat-Teoloġija, fejn fis-sena 1920, kiseb il-Baċellerat fil-Liġi tal-Knisja, u fis-sena 1922, id-Dottorat fit-Teoloġija.


Emanuel Hire
Mobile: 99499370

Kien dan iż-żmien, meta l-Isqof Don Mawru Caruana li kellu ommu Żebbuġija, ħatru sabiex ikun il-kappillan tiegħu. Daħal għal din il-kariga ftit tal-ġimgħat qabel qaddes. Fil-fatt Dun Karm Farrugia ġie ordnat saċerdot nhar il-21 ta' Lulju tas-sena 1922.

Il-post ta' kappillan ta' l-isqof, ftit li xejn ħallielu spazju jaħdem f'Ħaż-Żebbuġ. Biss xorta waħda kien jaħtaf kull ċans li kien jiġih, u meta kien ikun f'Ħaż-Żebbuġ ma kienx joqgħod lura minn xi ħidma pastorali. Kien magħruf sewwa għall-mod ta' kif kien ipoġġi l-kliem u għall-ħlewwa ta' kif kien jitkellem.

Meta l-knisja ta' San Girgor ta' Tas-Sliema saret parroċċa mill-Isqof Don Mawru Caruana nhar it-22 ta' Diċembru 1940 dan l-isqof ried li bħala l-ewwel kappillan tagħha jaħtar lill-istess Kappillan tiegħu Dun Karm Farrugia.

Il-parrokat twil tiegħu ta' 27 sena f'din il-parroċċa kien eżemplari u l-ħidma pastorali tiegħu meqjusa fid-Djoċesi Maltija bħala kampjun u ta' min wieħed jimitaha u jieħu l-ideat minnha.

Wara ħidma hekk twila fis-sena 1967 il-Kappillan Dun Karm Farrugia, ġie maħtur monsinjur tal-katidral iżda l-ħidma saċerdotali tiegħu baqgħet għaddejja, sakemm il-Mulej sejjaħlu għal għandu, nhar is-17 ta' Jannar l-1979, ġewwa l-isptar dak iż-żmien jismu *Blue Sisters*.

Huwa ġie midfun fil-qabar tal-familja Farrugia fiċ-ċimiterju Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ.


**Twanny Spiteri**

**Funeral Service**

**'Shalom', 4, Triq il-Watar,**
**Ħal-Mula, Ħaż-Żebbuġ**

**Tel: 2146 0950 (Day & Night)**
**Mob: 9947 1168**

maresco

ENJOY MITSUBISHI AIRCONDITIONERS

*The right solution*

**Visit our showroom in Żebbuġ or Telephone 2146 0286, 2146 7142**

# Sekwenza

Wieqfa kienet imbikkija
l-Omm ħdejn Binha fit-tbatija
fuq salib imdendel.

Ta' din l-Omm il-qalb maqsuma
f'dak l-imrar, bl-uġigħ mitmuma
nifed sejf in-niket.

Kemm tbatija f'qalb muġugħa;
liema dwejjaq li jifnuha
ħasset l-Omm imbierka.

X'weġgħa ġarrbet u x'kefrija
meta ratu fit-tbatija
l-Omm lil Binha, Alla!

Qalb kull bniedem tħoss għaliha
lil Omm Kristu u jibkiha
x'ħin jaraha f'dil-ħasra.

Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
lil Omm Kristu u tibkiha
x'ħin taraha f'dil-ħasra.

Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
x'ħin ta' Kristu l-Omm jilmaħha
fin-niket ma' Binha?

Għad-dnubiet ta' ġensu ħati!
lil Ġesù hi ratu jbati
taħt is-swat bla ħniena.

Rat lil Binha u baqgħet miegħu
f'dak l-imrar tal-mewta tiegħu,
waqt li ħarġet ruħu.

Omm u għajn ta' mħabba għalija,
ġegħ'lni nħoss dik it-tbatija
biex jien nibki miegħek.

Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba
u tħalliha qatt tittabba,
imħabbti għal Kristu.

Omm qaddisa, isma' talbi:
dawk il-pjagi qegħedli f'qalbi
t'Ibnek, Ġesù msallab.

Aqsam miegħi dit-tbatija
għal Ġesù li mħabba fija
xerred demmu kollu.

Ħdejn Ġesù nibki dnubieti,
fis-salib nara ħtijieti
sakemm ngħix dil-ħajja.

Kemm nixtieqni nibqa' miegħek
mas-Salib u fid-dmugħ tiegħek
nissieħeb minn qalbi.

Meta jmut il-ġisem tagħna,
agħmel Int li r-ruħ tistagħna
b'dawl u sebħ il-ġenna. Amen.

SUPER 5

Colour



*'Il Pietà', pittura tal-bidu tas-Seklu Tmintax, li hija l-kwadru titulari tal-Kappella Bażilika tad-Duluri f'Ħaż-Żebbuġ. (Ħajr lill-familja Bonnici Mallia)*


Uniqueness
Tradition
Quality Craftsmanship
What we seek to achieve in every piece of furniture we manufacture.
S.M.W. CORTIS
MDINA ROAD - ŻEBBUĠ - TEL: 2146 6520, 2146 4118 - FAX: 2146 5894

# Tradizzjoni Ħajja

minn Raymond Saliba

Ħaż-Żebbuġ donnu ftit inbidel f'ċertu aspetti soċjali, per eżempju daqs mitejn sena ilu kienu jgħixu fih bosta familji għonja kif qed jerġa' jiġri fil-preżent, meta bosta professjonisti jagħżlu proprjetà fih.

Żgur li fejn tidħol il-kultura popolari reliġjuża dan huwa aktar evidenti. Ta' dan għandna eżempji:

(i) il-festa titulari
(ii) il-Ġimgħa l-Kbira

Dawn iż-żewġ avvenimenti sa minn żmien ilu ħafna kienu ċċelebrati b'pompa u dekor li matul is-snin dejjem komplew jikbru u jisbieħu. Kemm hi kbira d-devozzjoni taż-Żebbuġin lejn il-misteri tal-Passjoni toħroġ ċar minn diversi affarijiet. Fil-knisja parrokkjali nsibu l-akbar numru ta' eżempji. Ma' l-altar ta' l-erwieħ (jew tat-Trinità) hemm marbuta l-Fratellanza tad-Duluri kif ukoll is-sodalità ta' l-Agunija. Dawn il-fratellanzi kienu qishom il-*Unions* tal-lum u jaħsbu għall-ħtiġijiet tar-ruħ u tal-ġisem tal-membri tagħhom. Il-purċissjoni tal-Passjoni hija antika sewwa, l-ewwel bi ftit vari u min-nofs tas-seklu dsatax b'sett tradizzjonali. Din kienet dejjem tkun akkumpanjata b'xi forma ta' mużika; għall-bidu bit-tanbur u bil-fifra u aktar tard bil-banda.

Fil-knisja parrokkjali nsibu wkoll numru mdaqqas ta' xbihat relatati mpittra

TELEFLOR INTERNATIONAL

The Rose Shop

New Street, Qormi QRM 07
Tel: 2148 3342 • Mob: 9945 8532, 9946 6696

***Flower Arrangements for Weddings, Engagements, Parties, etc...***

Fresh & Artificial Flowers and Plants for hire, Invitations, Souvenirs and Accessories for every occasion. **Free Delivery.**

WHITE BROTHERS LTD.
full page colour



*Il-Banda San Filep taħt id-direzzjoni ta' Adeodato Gatt, takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'nofs is-snin għoxrin.*

jew minquxa, flimkien ma' relikwarji. Uħud minn dawn huma opri artistiċi ta' valur artistiku għoli. Oġġetti simili nsibuhom ukoll f'bosta mill-kappelli filjali ġewwa jew barra mir-raħal. Fit-toroq imbagħad naraw ukoll xbihat oħra wħud minnhom saru madwar tliet mitt sena ilu.

Fil-preżent ninnutaw li dan l-interess kompla żdied speċjalment mill-għatba tal-knisja 'l barra. Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira saret l-akbar manifestazzjoni tax-xorta tagħha f'pajjiżna sew fil-parteċipazzjoni kif ukoll fl-ispettaklu li toffri. Però, l-akbar investiment sar mill-Għaqdiet mużikali li donnhom f'pika bejniethom min jarma l-akbar u l-isbaħ wirja. Isiru wkoll kunċerti mużikali li eventwalment ikomplu jkabbru l-prestiġju… u l-ispejjeż! Il-każini tal-banda minn dejjem kellhom sehem kbir fil-ħajja kulturali ta' l-irħula u bliet tagħna. Din l-attività għadhom iwettquha b'impenn illum ukoll minkejja li l-gosti prelevanti jidhru differenti.

Meta wieħed jara l-attività flimkien ma' inizjattivi oħra privati bħalma hija l-wirja tat-Talent Żebbuġi jifhem għaliex Ħaż-Żebbuġ sar il-*Mecca* ta' l-attivitajiet kulturali tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Dan għadu jimla b'sodisfazzjon lil dawk kollha involuti f'dawn l-attivitajiet għax qed ikomplu jkabbru l-patrimonju Żebbuġi u Malti.


The Solution for your Computer System.

- Sales
- Upgrades
- Repairs

We Accept Student Smart Card





We have a Wide Range & Unbeatable Prices on UPSs.
Specialising in Networks and Custom made Software,
Web design & Hosting + Internet Services

**Individual Care and Attention**

Mob: 9942 2481 Tel: 2146 1696 Fax: 2333 1191
E-mail: sandro@techzonemt.com